# BEATI U QADDISIN....SETTEMBRU

**Beatu Bonaventura da Barcellona (Michele Battista Gran)** Frangiskan

11 ta' Settembru

Ta' tmintax-il sena izzewweg biex ma jmurx kontra x-xewqa ta' missieru. Michele Battista Gran twieled gewwa Riudomes fi Spanja fis-sena 1620. Sa minn zoghzitu huwa hassu migbud lejn il-hajja religjuza .



Imma billi l-genituri tieghu kienu anzjani huwa htieglu li jabbaduna l-idea tieghu ta' religjuz u jmur jaghti daqqa t'id fl-ghelieqi. Kien f'dan iz-zmien li huwa zzewweg, imma sbatax-il xahar wara huwa safa' armel. Kif jghid il-proverbju l-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi.

Tkellem mal-genituri tieghu fuq ix-xewqa li jidhol patri u ghalkemm dawn opponew fl-ahhar cedew u Michele Battista dahal jaghmel parti mill-kommunita' tal-

Frangiskani Minuri. Pero' mhux biex isir sacerdot, ghaliex bhal San Frangisk kien ihoss li ma kienx denn, imma bhala fratell.  Tawh l-isem ta' Fra Bonaventura u ta' religjuz umli, ghal 17 il-sena gera minn kunvent ghal iehor fil-Catalunja biex daqqa jaghmilha ta' kok, ohra ta' purtinar, jew infermier.

Fra Bonaventura kien frangiskan li jhobb jitlob u jobdi bil-ferha, jghix hajja 'l boghod mill-hsejjes tad-dinja u ta' penitenza. Dawk li kienu jafuh, jirrakontaw li hajtu kienet wahda maghquda ma' Alla. Kien ihoss li Alla qed isejjahlu ghal bicca xoghol partikulari, dik li jgedded l-ispirtu frangiskan billi jwaqqaf l-ezercizzju ta' l-Irtiri. U ghalkemm irnexxilu li jdahhal dan l-ispirtu li kien jinsab fl-ewlenin patrijiet ta' San Frangisk, dan ma kienx wettqu minghajr kuntrasti u problemi.

Meta wasal Ruma fejn temm l-ezercizzju ta' L-Irtiri, huwa sab ma' wiccu poplu jbati mill-pesta u faqar liema bhalu. Hu xammar il-kmien u ghen kif seta' u tant hadem li laqqmuh l-appostlu ta' Ruma. Ir-riforma frangiskana li ghaliha kien qed jahdem, barra li habtet wiccha ma' kritika u ostilita', sabet ukoll il-kunsens ta' l-awtorita ekklesjastika ghal istatut ta' l-Iritir.

Miet gewwa Ruma meta kellu biss ftit aktar minn 70 sena fil-11 ta' Settembru tas-sena 1684.  Kien il-Papa Piju X li ufficjalment fil-10 ta' Gunju tas-sena 1906 ipproklamah beatu.